# Il-Gudja

Għaliex fl-antik, il-Gudja, Bir Miftuħ, kellha dik l-importanza kollha? Kollox għandu r-raġuni tiegħi. Min jieqaf josserva żgur jinduna kif ir-raħal tal-Gudja qiegħed f'pożizzjoni perfetta għal bosta raġunijiet, u kien aktarx għalhekk li fl-antik ingħata dik l-importanza kollha. Il-Gudja qiegħda bejn Ħal Għaxaq u Ħal Safi, u l-Ħennija hi parti minnha. L-ismijiet sbieħ "Għaxaq" u "Safi" jfissru lilhom infushom. Hekk ukoll l-isem, daqshekk ieħor sabiħ, "Ħennija" jfisser post li jagħmlek 'ħieni' (eż: 'Burmarrad' hu l-isem ta' bur li jmarrad, għax fl-antik kien ikun hemm l-ilma qiegħed). Kulma jagħmel il-bniedem ikollu r-raġuni tiegħu, u l-ismijiet li n-nies tal-qedem taw lill-postijiet, tawhom għal xi raġuni. Mela x'kienet ir-raġuni għal dawn l-ismijiet fil-Gudja?

Minn dejjem interessawni l-ismijiet tar-raħal "Gudja", "Ħennija", "Bir Miftuħ", Tal-Għoljiet", "Ras il-Wied", eċċ... Biex żgur inkompli bl-iskantament tiegħi f'Istanbul it-Turkija, sibt tabella li turi l-isem tal-post bħala "Burhaniye". Kont nieżel waħdi qalb l-għelieqi minn "Vista Point" lejn il-Baħar Marmara. Jekk l-isem "Burhaniye" għandu l-kelma "Bur" hekk ukoll fil-Gudja, il-Ħennija għandha magħha lil Wied Bur Ġlat. (Għamilna sew semmejna Triq Bur Ġlat; għax ma nsemmux oħra 'Triq Ħennija'?)

F'Istanbul ukoll jeżistu postijiet imsejħa 'Open Well', eżatt 'Bir Miftuħ' u kollha kienu postijiet ta' ilma miftuħa għall-pubbliku. Fil-Gudja għandna Bir Miftuħ li, bħal ta' Istanbul, ifisser post ta' ilma miftuħ għall-pubbliku. Min jaf kienx hemm xi rabta bejnietna, anke jekk b'mod indirett, fi żmien l-Għarab? Hemm pjazza kbira jisimha 'Taqsim Square' u hi mqassma f'diversi postijiet għall-karozzi tal-linja ġejjin minn distretti differenti. Il-gwerer bejnietna kienu għadhom ma bdewx. Ħafna 'l quddiem fiż-żmien, iċ-ċirkustanzi nbidlu u b'ironija l-knisja fil-wied ta' Bir Miftuħ tagħna, inbniet 'l isfel ġol-wied (ġieli kien imsejjaħ 'Tal-Isqof') biex ma tidhirx malajr minn dawk it-Torok li kienu bdew jidħlu mill-port ta' Birżebbuġa biex jaħbtu għal Malta.

L-ismijiet tal-irħula u tal-postijiet Maltin aktarx tawhomlna l-Feniċi qabel it-tliet gwerer Puniċi (264-241 QK; 218-202 QK; 149-146 QK) u qabel ġew ir-Rumani u tlaqna lill-Għarab biex bqajna sal-lum bil-kuntatti mal-Ewropa. Għal aktar kurżità dwar ismijiet bħal tagħna f'pajjiżi barranin, xi ħadd żgur induna li 'l fuq minn Baghdad fl-Iraq, hemm belt bl-isem "Kirkup" u f'Malta għandna Ħal Kirkop; ftit aktar 'l hemm minn Kirkup fl-Iraq, jeżisti raħal żgħir bl-isem "Tal Afar" - tagħna, Ħal Far. Kollox jixhed li l-Feniċi ġew minn dik ir-rokna tal-Mediterran.

Tant il-Gudja qiegħda f'pożizzjoni tajba li n-nies, forsi tal-Medjuevu, għażlu l-art tal-Gudja biex bnew dak it-torri sabiħ li issa jinsab inkorporat ġewwa l-ġnien tal-Palazz Bettina; b'hekk it-torri baqa' salvagwardjat. Il-Gudja qiegħda fl-għoli, tgawdi l-veduta tan-naħiet kollha tan-Nofsinhar ta' Malta - mill-Belt Valletta sa Ħal Far, minn Birżebbuġa sa Ħaż-Żebbuġ u aktar. Tiddomina wkoll id-dħul taż-żewġ portijiet ewlenin ta' Malta, u terġa' l-Gudja qiegħda anki, bejn wieħed u ieħor, f'ekwidistanza bogħod minnhom it-tnejn. L-isem 'Gudja' kien ifisser 'art għolja, u hemm 'Gudja' fil-wied ta' Fomm ir-Riħ, fl-Imġarr u teżisti 'Gudja' f'Għajnsielem Għawdex. Biex qisu tkun konfermata l-pożizzjoni tajba tal-Gudja, il-Palazz ta' Bettina nbena fuq art tal-Gudja u kien frekwentat mill-kavallieri Franċiżi; it-torri antikissimu ta' qabel, għamluh tagħhom. It-Torri tax-Xlejli u l-Palazz ta' Bettina setgħu nbnew kullimkien; mela għal-liema raġuni inbnew fil-Gudja, jekk mhux għal xi raġuni mili semmejna? Tinduna li l-Palazz Bettina iħares lejn il-Belt Valletta u jissendika tajjeb kulma kien jiġri fil-Berġa ta' Kastilja, okkupata mill-Kavallieri Spanjoli.

Biex inkomplu u niġu għaż-żminijiet tal-lum, wara l-wied ta' Bir Miftuħ, kien hemm ir-raba' ferm fertili tal-pjanura kbira tal-Karwija. Il-fertilità tal-għelieqi tal-Karwija kienet fattur ieħor li ta l-importanza lil Bir Miftuħ. Illum f'dik il-pjanura sar l-ajruport internazzjonali li jservi lil Malta kollha. X'kienu jagħmlu Malta u Għawdex mingħajr dan l-ajruport?

Il-Gudja baqgħet raħal żgħir u xi ftit iżolata. B'danakollu aħna l-Gudjani tal-lum għandu jkollna stima għolja tal-passat u l-preżent ta' raħal twelidna. Tajjeb li fl-aħħar tinnota li l-Gudja qatt ma ħarġet mill-parroċċa ta' Bir Miftuħ; sempliċiment nbniet knisja ġdida fuq art għolja. Infatti l-Gudja hi l-kontinwazzjoni qatt interrotta ta' Bir Miftuħ u għalhekk il-motto 'Pluribus Parens', il-grad ta' Parroċċa Arċimatriċi u issa wkoll Arċipretali u 575 sena tal-Parroċċa.




**Gaud P. Borg LL.D.**